B 2593

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 21,362, 17 ta' Diċembru, 2024

Taqsima B

A.L. 346 tal-2024

ATT DWAR TAXXA FUQ IL-VALUR MIŻJUD
(KAP. 406)

Regolamenti tal-2024 li jemendaw is-Sitt Skeda li tinsab mal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 75 tal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, il-Ministru responsabbli għall-finanzi għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu, għan u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2024 li jemendaw is-Sitt Skeda li tinsab mal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala waħda mas-Sitt Skeda li tinsab mal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, hawnhekk iżjed 'il quddiem f'dawn ir-regolamenti msejħa s-"Sitt Skeda".

Kap. 406.

(2) L-għan ta' dawn ir-regolamenti hu li:

(a) jittrasponu d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2020/285 tat-18 ta' Frar 2020 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud fir-rigward tal-iskema speċjali għall-impriżi ż-żgħar u r-Regolament (UE) Nru 904/2010 fir-rigward tal-kooperazzjoni amministrattiva u l-iskambju ta' informazzjoni għall-finijiet tal-monitoraġġ tal-applikazzjoni korretta tal-iskema speċjali għall-impriżi ż-żgħar;

(b) jittrasponu d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2022/542 tal-5 ta' April 2022 li temenda d-Direttivi 2006/112/KE u (UE) 2020/285 fir-rigward tar-rati tat-taxxa fuq il-valur miżjud; u

(ċ) jintroduċu titjib tekniku għad-dispożizzjonijiet eżistenti li jinsabu fis-Sitt Skeda.

(3) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2025.

Jemenda s-Sitt Skeda.

2. Is-Sitt Skeda għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) it-titolu "Thresholds" tiegħu għandu jiġi sostitwit bit-titolu "Impriżi Żgħar", u minnufih wara għandhom jiġu miżjuda dawn il-partiti ġodda li ġejjin:

"**Tifsir**

Għall-finijiet ta' din l-Iskeda, it-termini li ġejjin għandu jkollhom it-tifsira mogħtija lilhom f'din it-Taqsima.

Trimestru tal-kalendarju

1. "trimestru kalendarju" tfisser perjodu ta' tliet (3) xhur kalendarji li jintemm fil-31 ta' Marzu, fit-30 ta' Ġunju, fit-30 ta' Settembru u fil-31 ta' Diċembru, skont il-każ.

Sena kalendarja

2. "sena kalendarja" tfisser perjodu ta' tnax (12)-il xahar li jibda fl-1 ta' Jannar u jispiċċa fil-31 ta' Diċembru.

Fatturat

3. (1) "fatturat" tfisser il-fatturat li jikkonsisti mill-ammonti li ġejjin, mingħajr VAT:

(a) il-valur tal-provvisti ta' oġġetti u servizzi, sakemm dawn ikunu ntaxxati li kieku kienu pprovduti minn persuna rreġistrata taħt l-artikolu 10;

(b) il-valur ta' operazzjonijiet li huma eżenti bi kreditu skont il-partiti 1, 3, 5, 6, 7, u 8(1) tat-Taqsima Wieħed tal-Ħames Skeda;

(ċ) il-valur ta' operazzjonijiet ta' propjetajiet immobbli, operazzjonijiet finanzjarji msemmija fil-partita 3 tat-Taqsima Tnejn tal-Ħames Skeda, u servizzi ta' assigurazzjoni u riassigurazzjoni, sakemm dawk l-operazzjonijiet ma jkunux operazzjonijiet anċillari.

(2) Id-disponimenti tal-attiv kapitali tanġibbli jew intanġibbli ta' persuna taxxabbli ma għandhomx jitqiesu għall-finijiet tal-kalkolu tal-fatturat imsemmi fis-subpartita (1).

(3) Għall-finijiet tal-kalkolu tal-fatturat imsemmi fis-subpartita (1) ta' persuni, minbarra persuni fiżiċi, reġistrati jew li japplikaw biex jirreġistraw taħt l-artikolu 11, għandu jitqies il-fatturat ta' persuni relatati skont id-

dispożizzjonijiet tal-partita 4 tal-Ewwel Taqsima.

(4) Il-valur tal-fatturat għandu jkun denominat fil-euro (€).

Fatturat annwali Domestiku

4. "Fatturat annwali Domestiku" tfisser il-fatturat annwali totali minn provvisti ta' oġġetti u servizzi, eskluża l-VAT, magħmula minn persuna taxxabbli li sseħħ f'Malta matul sena kalendarja.

Threshold Domestiku

5. "Threshold Domestiku" tfisser it-threshold stabbilit f'Malta skont l-Artikolu 284(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE li għandu jkun ammont ekwivalenti għal ħamsa u tletin elf euro (€35,000).

Fatturat annwali fl-Unjoni

6. "Fatturat annwali fl-Unjoni" tfisser il-fatturat annwali totali minn provvisti ta' oġġetti u servizzi, eskluża l-VAT, magħmula minn persuna taxxabbli li sseħħ fit-territorju Komunitarju matul sena kalendarja.

Threshold tal-Unjoni

7. "Threshold tal-Unjoni" tfisser ammont ekwivalenti għal mitt elf euro (€100,000).

Fatturat annwali fl-Istat Membru

8. "Fatturat annwali fl-Istat Membru" tfisser il-fatturat annwali totali fi Stat Membru minn provvisti ta' oġġetti u servizzi, eskluża l-VAT, magħmula minn persuna taxxabbli fi ħdan tali Stat Membru matul sena kalendarja.";

(b) it-Taqsima Wieħed tiegħu għandha tiġi sostitwita bit-taqsima ġdida li ġejja:

"Taqsima Wieħed
[Artikolu 11]
Skema speċjali għal impriżi żgħar għal provvisti magħmula f'Malta minn persuni stabbiliti f'Malta

Threshold fil-ħin tal-applikazzjoni

1. Persuna taxxabbli li tapplika għar-reġistrazzjoni taħt l-artikolu 11 tikkwalifika bħala impriża żgħira fiż-żmien tal-applikazzjoni fejn il-fatturat annwali Domestiku tagħha matul is-sena kalendarja preċedenti, jekk ikun hemm, ma jkunx aktar mit-threshold Domestiku.

Persuni reġistrati taħt l-artikolu 10

2. (1) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-partita 1, persuna reġistrata taħt l-artikolu 10 li tapplika għar-reġistrazzjoni taħt l-artikolu 11 ma għandhiex tikkwalifika bħala intrapriża żgħira f'xi żmien matul l-ewwel tnax (12)-il xahar kalendarju sħiħ mid-data tal-imsemmija reġistrazzjoni:

Iżda persuna li titqies li tkun reġistrata taħt l-artikolu 10 bis-saħħa tas-subartikolu (6) tal-imsemmi artikolu għandha titqies għall-finijiet ta' din il-partita li tkun ġiet reġistrata taħt dak l-artikolu fid-data li fiha tkun ġiet reġistrata għall-ewwel darba taħt dan l-Att.

(2) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subpartita (1), fejn persuna li tirreġistra taħt l-artikolu 10 tagħmel talba lill-Kummissarju sabiex tikkonverti għal reġistrazzjoni taħt l-artikolu 11, il-Kummissarju jista' jaċċetta t-talba fejn:

(a) il-Kummissarju jkun sodisfatt li l-persuna tikkwalifika bħala impriża żgħira; u

(b) tali persuna ma tkun talbet l-ebda kreditu għal input tax matul il-perjodu li fih kienet hekk reġistrata taħt l-artikolu 10.

Threshold ta' persuni reġistrati skont l-artikolu 11

3. Persuna reġistrata taħt l-artikolu 11 għandha tkompli tikkwalifika bħala impriża żgħira fejn il-fatturat tagħha matul sena kalendarja ma jaqbiżx it-threshold Domestiku:

Iżda tali persuna ma għandhiex tibqa' tikkwalifika bħala impriża żgħira fid-data li t-threshold domestiku jinqabeż waqt sena kalendarja.

Fatturat ta' persuni relatati

4. Għall-finijiet ta' din it-Taqsima, il-fatturat ta' persuna, li ma tkunx persuna fiżika, reġistrata jew li tapplika sabiex tirreġistra taħt l-artikolu 11 għandu jinkludi l-fatturat proporzjonat ta' kwalunkwe persuna oħra, inkluż persuna fiżika, li hija relatata mal-persuna reġistrata jew li tapplika sabiex tiġi reġistrata skont l-artikolu 11. F'din il-partita, persuna għandha titqies li tkun relatata ma' persuna reġistrata jew li tapplika sabiex tiġi reġistrata taħt l-artikolu 11 fejn il-persuna tal-aħħar hija proprjetarja jew ikkontrollata, direttament jew indirettament, b'aktar minn għaxra fil-mija (10%) mill-persuna ta' qabel, jew kif jista' jiġi preskritt mill-Kummissarju.

Dikjarazzjoni li għandha tiġi ppreżentata lill-Kummissarju

5. (1) Id-dikjarazzjoni li tkun meħtieġa li tiġi ppreżentata lill-Kummissarju minn persuna reġistrata taħt l-artikolu 11 skont l-artikolu 30(1) għandha tiġi ppreżentata lill-Kummissarju b'mod elettroniku permezz tal-portal elettroniku maħtur mill-Kummissarju għal dan il-għan u inkluża kwalunkwe informazzjoni mitluba fih:

Iżda l-Kummissarju jista' xort'oħra jordna lil kwalunkwe persuna jew klassi ta' persuni sabiex jissottomettu tali dikjarazzjoni b'mezzi oħra.

(2) Id-dikjarazzjoni msemmija fis-subpartita (1) għandha tiġi ppreżentata għal perjodu ta' tnax (12)-il xahar, jew kif jista' jiġi ordnat mill-Kummissarju:

Iżda persuni rreġistrati taħt l-artikolu 11 jistgħu jagħżlu perjodu iqsar.

(3) Il-perjodu ta' tnax (12)-il xahar imsemmi fis-subpartita (2) għandu jibda fl-1 ta' Jannar u jintemm fil-31 ta' Diċembru tal-istess sena kalendarja:

Iżda fejn id-data effettiva tar-reġistrazzjoni ta' persuna taħt l-artikolu 11 tkun data li ma tkunx l-1 ta' Jannar, l-ewwel perjodu ta' dik il-persuna għandu jibda f'dik id-data effettiva u għandu jintemm fil-31 ta' Diċembru tal-istess sena kalendarja.

(4) Fejn persuna ma tibqax reġistrata taħt l-artikolu

11, l-aħħar perjodu ta' tali persuna għandu jintemm fid-data li fiha tali reġistrazzjoni tiġi mħassra mill-Kummissarju skont id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 11(6), (7) u (8).

(5) Dikjarazzjoni li tkun meħtieġa li tingħata lill-Kummissarju għal żmien skont din it-Taqsima għandha tingħata sa mhux aktar tard mill-ħmistax (15)-il jum tat-tieni (2) xahar wara x-xahar li matulu jintemm tali perjodu.

Informazzjoni oħra li għandha tingħata lill-Kummissarju

6. Persuna li tapplika għar-reġistrazzjoni taħt l-artikolu 11 għandha tissottometti l-informazzjoni kollha li l-Kummissarju jista' raġonevolment jitlob għall-fini tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima.";

(ċ) it-Taqsima Tnejn tiegħu għandha tiġi sostitwita bit-taqsima ġdida li ġejja:

"Taqsima Tnejn
[Artikolu 11A]
Skema speċjali għal impriżi żgħar għal provvisti magħmula fi Stati Membri oħra minn persuni stabbiliti f'Malta

Threshold fil-ħin tal-applikazzjoni

1. (1) Persuna taxxabbli li tapplika għar-reġistrazzjoni taħt l-artikolu 11A tikkwalifika bħala impriża żgħira fiż-żmien tal-applikazzjoni fejn jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-fatturat annwali tagħha tal-Unjoni matul is-sena kalendarja preċedenti jkun inqas mit-threshold tal-Unjoni;

(b) hi tagħmel provvisti f'mill-inqas Stat Membru wieħed (1) li fih ma jkunx stabbilit, fejn huwa eliġibbli li jagħmel użu mill-eżenzjoni skont l-iskema speċjali għal impriżi żgħar applikabbli fl-Istat Membru rispettiv skont il-Kapitolu 1 tat-Titolu XII tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE; u

(ċ) il-valur tal-provvisti magħmula fl-Istat Membru msemmi fil-paragrafu (b) matul is-sena kalendarja preċedenti ma jaqbiżx it-threshold applikabbli f'dak l-Istat Membru għall-għoti tal-

eżenzjoni skont il-Kapitolu 1 tat-Titolu XII tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE:

Iżda l-perjodu msemmi fil-paragrafu (ċ) jista' jiġi estiż għal sentejn (2) kalendarji fejn meħtieġ mill-Istat Membru rispettiv skont l-Artikolu 288a(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE.

Notifika preċedenti

2. Applikazzjoni għal reġistrazzjoni taħt l-artikolu 11A għandha tiġi sottomessa b'mod elettroniku direttament permezz tal-portal web stabbilit maħtur mill-Kummissarju għal dak il-għan, u għandu jkun fiha l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-isem, l-attivita, il-forma legali u l-indirizz tal-persuna taxxabbli;

(b) l-Istat Membru jew l-Istati Membri li fihom il-persuna taxxabbli jkollha l-ħsieb li tagħmel użu mill-iskema speċjali għall-impriżi ż-żgħar;

(ċ) il-fatturat minn provvisti ta' oġġetti u, jew servizzi mwettqa f'Malta u f'kull wieħed mill-Istati Membri l-oħra matul is-sena kalendarja preċedenti;

(d) il-fatturat minn provvisti ta' oġġetti u, jew servizzi mwettqa f'Malta u f'kull wieħed mill-Istati Membri l-oħra matul is-sena kalendarja kurrenti qabel l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni taħt l-artikolu 11A; u

(e) kwalunkwe informazzjoni oħra mitluba fiha.

Aġġornament għal notifika preċedenti

3. (1) Persuna taxxabbli reġistrata taħt l-artikolu 11A għandha tinforma bil-quddiem lill-Kummissarju b'mod elettroniku direttament permezz tal-portal web stabbilit identifikat mill-Kummissarju għal dak il-għan bi kwalunkwe tibdil fl-informazzjoni mogħtija qabel fin-notifika preċedenti msemmija fil-partita 2, inkluż:

(a) l-intenzjoni li jsir użu mill-eżenzjoni fi Stat Membru jew fi Stati Membri għajr dawk indikati

f'tali notifika preċedenti; u

(b) id-deċiżjoni li titwaqqaf l-applikazzjoni tal-iskema speċjali għal impriżi żgħar fi Stat Membru jew Stati Membri li fihom tali persuna taxxabbli ma tkunx stabbilita.

(2) L-eżenzjoni fi kwalunkwe Stat Membru msemmija fis-subpartita (1)(a) għandha tkun effettiva mid-data li fiha l-Kummissarju jinnotifika lill-persuna taxxabbli li jista' jibda jagħmel użu mill-eżenzjoni fl-Istat Membru rispettiv.

(3) Il-waqfien imsemmi fis-subpartita (1)(b) għandu jkun effettiv mill-ewwel (1) jum tat-trimestru kalendarju li jkun imiss wara li tkun waslet l-informazzjoni mingħand il-persuna taxxabbli jew, fejn tali informazzjoni tasal matul l-aħħar xahar ta' trimestru kalendarju, mill-ewwel (1) jum tat-tieni (2) xahar tat-trimestru kalendarju li jkun imiss.

Dikjarazzjoni li għandha tiġi ppreżentata lill-Kummissarju

4. (1) Id-dikjarazzjoni li tkun meħtieġa li tiġi ppreżentata lill-Kummissarju minn persuna reġistrata taħt l-artikolu 11A skont l-artikolu 30(1) għandha tiġi ppreżentata lill-Kummissarju b'mod elettroniku permezz tal-portal elettroniku identifikat mill-Kummissarju għal dan il-għan u għandha tinkludi l-informazzjoni li ġejja:

(a) il-fatturat minn provvisti mwettqa matul it-trimestru kalendarju f'Malta jew "0" jekk ma tkun saret l-ebda provvista;

(b) il-fatturat minn provvisti mwettqa matul it-trimestru kalendarju f'kull wieħed mill-Istati Membri għajr Malta jew "0" jekk ma tkun saret l-ebda provvista;

(ċ) fejn l-Istat Membru li fih tintuża l-iskema speċjali għall-impriżi ż-żgħar japplika thresholds li jvarjaw kif imsemmi fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 284(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, il-persuna taxxabbli għandha tkun obbligata fir-rigward ta' tali Stat Membru li tirrapporta separatament il-valur totali tal-provvisti ta' oġġetti u,

jew servizzi fir-rigward ta' kull threshold li jista' jkun applikabbli; u

(d) kwalunkwe informazzjoni oħra mitluba fiha.

(2) Il-valuri msemmija fis-subpartita (1) għandhom ikunu denominati fil-euro (€):

Iżda fejn l-Istat Membru li fih tintuża l-iskema speċjali għal impriżi żgħar ma jkunx adotta l-euro (€), il-Kummissarju jista' jeħtieġ li tali valuri jiġu espressi fil-muniti nazzjonali ta' dawk l-Istati Membri. Jekk il-provvisti jkunu saru f'muniti oħra, il-persuna taxxabbli għandha tuża r-rata tal-kambju li tapplika fl-ewwel (1) jum tas-sena kalendarja. Il-konverżjoni għandha ssir billi tiġi applikata r-rata tal-kambju ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew għal tali jum jew, jekk ma jkunx hemm pubblikazzjoni f'tali jum, fil-jum tal-pubblikazzjoni li jkun imiss.

(3) Id-dikjarazzjoni msemmija fis-subpartita (1) għandha tingħata għal kull trimestru kalendarju.

(4) Fejn id-data effettiva tar-reġistrazzjoni ta' persuna taħt l-artikolu 11A tkun data li ma tkunx l-ewwel (1) jum ta' trimestru kalendarju, l-ewwel (1) perijodu ta' tali persuna għandu jibda f'tali data effettiva u għandu jintemm fl-aħħar jum tal-imsemmi trimestru kalendarju.

(5) Fejn persuna ma tibqax reġistrata taħt l-artikolu 11A, l-aħħar perjodu ta' tali persuna għandu jintemm fid-data meta tali reġistrazzjoni tiġi mħassra mill-Kummissarju skont l-artikolu 11A(5).

(6) Dikjarazzjoni li tkun meħtieġa li tiġi ppreżentata lill-Kummissarju skont din it-Taqsima għandha tiġi ppreżentata sa mhux aktar tard mill-aħħar jum tax-xahar wara t-tmiem tat-trimestru kalendarju rispettiv:

Iżda, skont l-artikolu 11A(4)(ċ), il-persuna taxxabbli għandha tinforma lill-Kummissarju fi żmien ħmistax (15)-il jum ta' xogħol mid-data meta jinqabeż it-threshold tal-fatturat annwali tal-Unjoni. Fl-istess ħin, il-persuna taxxabbli għandha tippreżenta lill-Kummissarju dikjarazzjoni oħra elettronikament permezz tal-portal web identifikat mill-Kummissarju għal dan il-għan, li tindika l-

valur tal-provvisti msemmija fis-subpartita (1) li jkunu saru mill-bidu tat-trimestru kalendarju attwali sad-data li fiha jkun inqabeż it-threshold tal-fatturat annwali tal-Unjoni.

Jinqabeż it-Threshold tal-Unjoni

5. Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 11A(5), fejn il-fatturat annwali tal-Unjoni ta' persuna rreġistrata skont l-imsemmi artikolu matul sena kalendarja jaqbeż it-threshold tal-Unjoni, l-eżenzjoni pprovduta fl-artikolu 284(1) mogħtija fl-Istati Membri li fihom tali persuna ma tkunx stabbilita ma għandhiex tibqa' tapplika mid-data li fiha jinqabeż it-threshold tal-Unjoni."; u

(d) minnufih wara t-Taqsima Tnejn tiegħu, kif emendata, għandha tiġi miżjuda din it-taqsima ġdida li ġejja:

"Taqsima Tlieta
[Artikolu 11B]
Skema speċjali għal impriżi żgħar għal provvisti magħmula f'Malta minn persuni stabbiliti fi Stati Membri oħra

1. Persuna taxxabbli stabbilita fi Stat Membru ieħor li titqies li tkun għamlet reġistrazzjoni taħt l-artikolu 11B tista' tiġi approvata mill-Kummissarju meta tikkwalifika bħala impriża żgħira fiż-żmien tal-applikazzjoni billi tissodisfa l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-fatturat annwali tagħha tal-Unjoni matul is-sena kalendarja preċedenti jkun inqas mit-threshold tal-Unjoni; u

(b) il-fatturat annwali Domestiku matul is-sena kalendarja preċedenti ma jaqbiżx it-threshold tal-fatturat Domestiku.

Il-qbiż tat-threshold Domestiku

2. Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 11B(3), fejn il-fatturat annwali Domestiku ta' persuna rreġistrata taħt l-imsemmi artikolu matul sena kalendarja jaqbeż it-threshold Domestiku, l-eżenzjoni pprovduta fil-partita 16(3) tat-Taqsima Tnejn tal-Ħames Skeda ma għandhiex tibqa' tapplika mid-data li fiha jinqabeż it-threshold Domestiku.

Jinqabeż it-Threshold tal-Unjoni

3. Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 11B(3), fejn il-fatturat annwali tal-Unjoni ta' persuna rreġistrata taħt l-imsemmi artikolu matul sena kalendarja jaqbeż it-threshold tal-Unjoni, l-eżenzjoni pprovduta fil-partita 16(3) tat-Taqsima Tnejn tal-Ħames Skeda ma għandhiex tibqa' tapplika mid-data li fiha jinqabeż it-threshold tal-Unjoni.".